TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 123/14/GB

**Joseph Fenech**

**vs**

**Henry Battistino – Mirya Ltd.**

Illum 30 ta' Lulju 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-9 ta' Gunju, 2014 fejn ir-rikorrent talab rifużjoni ta' mitejn Ewro (€200.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal tliet (3) hgigiet bil-frames ta' l-aluminium, li nxtraw minghand is-socjeta' ntimata, liema hgigiet kienu difettużi.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien ġibed l-attenzjoni, fit-12 ta' April 2014, fil-fabbrika stess, dwar tliet (3) hgigiet, tal-frames ta' l-aluminium, li l-ordni saret fit-22 ta' Mejju 2012, li dawn ixxaqqu. Dan l-ilment, ir-rikorrent ressqu *quddiem l-intimat* stess.

Kif ir-rikorrent spjega lill-intimat, l-isfortuna kienet li qatt ma seta' jinduna b'dan l-ixquq fil-hgieg minhabba li dan kien difett mohbi, li hareg maz-zmien. Dan ghaliex l-ixquq telghu minn taht ir-rails u l-lastiku hu car hafna, li dan il-bidu ta' l-ixquq kien mghotti b'rails u l-lastiku, u kien biss meta feġġ minn fuq ir-rails u l-lastiku, li r-rikorrent seta' jinduna. Barra minn hekk, il-frames qieghdin f'post piuttost nieqes mid-dawl u f'post gholi go taraġ.

Ir-rikorrent qed jitlob li jinbidlu l-hgigiet, ghaliex hu ngust li kien hemm difett li qabel ma deher ma setax jinduna bih.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta, li ġiet immarkata bhala Dok.JF1; flimkien ma' tliet (3) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.JF2, Dok.JF3 u Dok.JF4.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata ma kenitx ippreżentat risposta bil-miktub u ghalhekk baqghet kontumaci.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma ppreżentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni. It-Tribunal josserva, illi fuq domandi tieghu stess, irriżulta illi l-konsenja u l-installazzjoni tal-hgigiet in kwistjoni ma kienux saru mis-socjeta' ntimata, pero' minn missier ir-rikorrent. Illi ghalhekk, is-socjeta' ntimata ma tistax tinżamm responsabbli ghall-allegat difett, liema difett seta' ġie kkawżat mir-rikorrent stess wara li sar il-bejgh tal-hgigiet in kwistjoni. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**